# Il-Ħadd 28.02.2016

1. Illum 28/02, **it-Tielet Ħadd tar-Randan**:
   - Mis-7:00pm sat-8:00pm, is-*Safi Drama Group* bil-kollaborazzjoni tal-*Kunsill Lokali Safi* u l-*Gozo Music Association* ser itellgħu ***Duo Con Amore***: kunċert bil-kitarri fil-Kappella ta' Santa Marija, li jkun jikkonsisti f'mużika gotika, rinaxximentali, barokka u klassika.

2. It-Tnejn 29/02:
   - Mit-8:00pm sal-10:00pm: *'Les Miserables'*: L-ewwel parti tal-film u diskussjoni li għalih huma mistednin b'mod speċjali ż-Żgħażagħ biex jgħinna nirriflettu dwar il-Fidi u l-Ħniena. Niltaqgħu fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

3. It-Tlieta 01/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: L-ewwel laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-knisja parrokkjali mmexxija mill-Kan. Kappillan Dun David Farrugia. Is-sorijiet Dumnikani ser jipprovdu *Child minding*.

4. Il-Ħamis 03/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ngħaddu mill-Bieb tal-Ħniena u jkollna Quddiesa, u wara Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-tieni laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-knisja.

5. Il-Ġimgħa 04/03, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

6. Is-Sibt 05/03:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-7:30pm - Laqgħa fil-Museum tas-Subien għall-ġenituri u wliedhom (mill-Year 5 'il fuq) li tikkonsisti fi ħsieb u ċelebrazzjoni adatti għal dan iż-żmien.

7. Avviżi oħra:
   - Matul din il-ġimgħa s-soċji u l-katekisti tal-Museum Bniet ser ikunu qed jattendu l-Eżerċizzi spiritwali għalihom u għaldaqstant mhux ser ikun hemm lezzjonijiet tal-katekiżmu għall-bniet matul din il-ġimgħa.
   - Il-Ħamis 03/03 u l-Ġimgħa 04/03: Mid-9:00am – Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ 'FIL-GYM MA' ĠESU', organizzati mis-Soċjetà tal-MUSEUM fiċ-Ċentru għall-Konferenzi tad-Dar Ħanin Samaritan f'Santa Venera.
   - Is-Sibt 12/03: Mid-9:00am sal-10:30pm – Jum Seminar għall-koppji miżżewġa, b'talb, il-film ***Fireproof***, diskussjoni, ħinijiet ta' riflessjoni, ikel u mistrieħ fiċ-Ċentru għall-Konferenzi tad-Dar Ħanin Samaritan f'Santa Venera. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-Kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa. Ikun hemm min jieħu ħsieb lit-Tfal. Ta' min jaħtaf din l-opportunità ta' grazzja matul dan ir-Randan.
   - Fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena, bħala Parroċċa, qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 25/07 u s-Sibt 30/07. Min hu interessat jieħu sehem jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 100 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.